# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?



## Social Worker

**Qatt ħsibt kemm hi xi ħaġa sabiħa meta tagħti mill-ħin tiegħek lil ħaddieħor? Meta tisma' lil min hu mweġġa' jew tgħin lil min qiegħed jitkarrab bil-ħniena għall-għajnuna? Fil-qosor, proprju dan hu li tinvolvi l-professjoni ta' ħaddiem soċjali.**

Ta' kuljum fil-ħidma tagħhom il-ħaddiema soċjali jiltaqgħu ma' nies li jkunu għaddejjin minn xi diffikultà fil-ħajja. Ix-xogħol ta' ħaddiem soċjali fost l-oħrajn jirrikjedi li jisma' lill-klijenti tiegħu u jitkellem magħhom fuq soluzzjonijiet għad-diffikultajiet li jkunu għaddejjin minnhom.

Il-Malti fin-natura tiegħu jħobb jgħin lill-batut u jagħmel karità ma' min hu fil-bżonn. Madanakollu din l-għajnuna m'għandhiex tieħu post l-għajnuna professjonali. Bħal professjonisti oħra l-ħaddiema soċjali jużaw l-għodod meħtieġa li jitgħallmu fl-istudji tagħhom f'livell terzjarju (wara l-iskola sekondarja) sabiex jisimgħu bl-aħjar mod lill-klijenti tagħhom u jiggwidawhom bl-aħjar mod possibbli. Il-gwida u s-sapport tal-ħaddiema soċjali huma importanti hekk kif is-soluzzjonijiet li joffru lill-klijenti tagħhom iwasslu lill-persuna fil-bżonn għal kwalità ta' ħajja aħjar. Il-ħaddiem soċjali huwa l-għalliem tal-ħajja, il-vuċi tal-vulnerabbli u d-difiża tal-persuna fil-bżonn tal-għajnuna.



Kulħadd għandu d-dritt li jkun aċċettat fis-soċjetà għal dak li hu, mingħajr distinzjoni dwar kulur, razza, nazzjonalità, sesswalità jew twemmin reliġjuż. Kulħadd għandu jkun rispettat, għax kulħadd b'xi mod jew ieħor jista' jikkontribwixxi għal soċjetà aktar b'saħħitha. Għaldaqstant il-ħaddiem soċjali ma jiġġudika lil ħadd u jirrispetta l-bżonnijiet, huma x'inhuma, ta' kull individwu fil-bżonn. Xi ħaġa importanti ħafna fil-professjoni soċjali hi li kull ħaddiem soċjali jemmen fil-kapaċitajiet ta' kull persuna, u fejn ikun hemm xi nuqqas jaħdem qatigħ biex itejjeb il-ħiliet u l-abilitajiet tan-nies u l-klijenti tiegħu.

Il-ħaddiema soċjali jaħdmu ma' nies b'realtajiet soċjali differenti, fosthom persuni li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet finanzjarji li forsi jkunu wassluhom biex saħansitra jitilfu darhom, ma' individwi li jkunu għaddejjin minn diversi forom ta' abbuż, mal-immigranti, ma' persuni b'diżabilità, ma' individwi għaddejjin minn diffikultà ta' saħħa mentali, u ma' persuni li jkollhom xi vizzju u diffikultajiet oħra soċjali li jirrikjedu l-attenzjoni u l-għajnuna tal-ħaddiema soċjali.

Is-settur soċjali huwa vast, u kulma jmur qiegħed ikompli jiżviluppa sabiex jilqa' għal ħafna aktar bżonnijiet tan-nies. Dan il-fatt qed jgħin biex dawk kollha li jagħżlu li jaħdmu f'dan is-settur isibu opportunitajiet varji, kemm fi ħdan is-servizz pubbliku, f'diversi dipartimenti u entitajiet soċjali kif ukoll ma' għaqdiet nongovernattivi. Il-karriera ta' ħaddiem soċjali hija passjoni u missjoni li ttik sodisfazzjon meta tara li qed tagħmel differenza fil-ħajja ta' persuna. Bla dubju li l-ħaddiem soċjali, f'għajnejn persuna fost l-aktar fil-bżonn, huwa l-eroj tagħha, li mexa pass pass magħha t-triq għal ħajja aħjar, liema triq mhux dejjem kienet waħda faċli għall-klijent fil-bżonn.

*Żomm kuntatt magħna!*